MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 238/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Carmen Zammit, bint Costantino,
imwielda Paola fit-22 ta'
settembru, 1964

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli fis-6 ta' marzu, 2006, u f'dati prċedenti, f'San Pawl il-Baħar, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar

xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' Lm1,550 għad-dannu ta' Raymond Leonardo;
2. fl-istess ċirkostanżi, bi ħsara ta' Raymond Leonardo, għamlet qliegħ b'qerq ta' Lm1,550;
3. fl-istess ċirkostanżi, approprjat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal ħaddieħor is-somma ta' Lm1,550, flus ta' ħaddieħor li ġew fdati jew ikkunsinnati lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depożitu neċessarju;
4. fl-istess ċirkostanżi, irċeviet jew aċċettat xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għaliha stess jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li teżerċita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċidi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu IV tat-Titolu III tal-Kodiċi Kriminali, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor.

Rat in-nota tal-24 ta' lulju, 2006 fejn l-Avukat Ġenerali ddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 308, 309, 293, 294, 115, 120 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' din l-akkuża barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' awissu, 2006 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' ottubru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputata ħallset lura dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 308, 309, 293, 294, 115 u 120 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazjzoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------